# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 5/2025 BS**

**Marita Grima**
**-vs-**

**Corcefisso Demicolo**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet illi ppremettew:**

1. Illi il-partijiet izzewgu nhar it-tlieta ta' Marzu elf disa mija tlieta u disghin (03.03.1993) liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta b' Att taz-Zwieg li jgib in-numru mija sitta u sebghin sbarra elf disa mija tlieta u disghin (1 76/1993) u dan hekk k'if ji.dher mic-certiflkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A',

2. Illi 1-partijiet sseparaw personalment wara li gew debitament awtorizzati mill-Qorti Civili ta' Malta billi resqu ghal-kuntratt ta' separazzioni nhar 1-erbgha ta' Dicembru elf disa mija sebgha u disghin

fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat Dok B:

3. Illi minn din ir-relazzjoni il-partiejiet kellhom tlett ulied Joseph li twieled nhar it-tmintax ta' Gunju 1995 u Stefan li twieled nhar il-15 ta-Frar 1997 u Tiberia li Iwieldet nhar id-disgha ta' Dicenlbru 1998 li illum it-tlieta niaggiornenni;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi il-konjugi ilhom ma jghixux flimkien ghal dawn l-ahhar tmienja u ghoxrin sena u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxien;

5. Illi l-partijiet ma ghandhom ebda oneru ta' manteniment fil-konfront ta' xulxien.

6. Illi dawn il-fatti jista jikkonfermwhom bil-gurament

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bhala mahlul z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti nhar it-tlieta ya' Marzu elf disa mija tlieta u disghin (03.03.1993);

2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien qasir prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta bid-decizjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili.

**Rat** ir-rikors konġunt tal-partijiet.

**Fliet** id-dokumenti u l-atti kollha.

**Rat** l-affidavits tal-partijiet.

**Rat** l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Rat** illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 1997.

**Decide.**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-partijiet u fil-waqt li tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejniethom bin-numru progressiv tar-Reġistru 176/1993 tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż mingħajr taxxa għandhom jitħallsu mill-partijiet f'ismha indaqs.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur